# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 28 ta' Ġunju, 2024**

**Numru: 14**

**Rikors Ġuramentat Nru. 1068/2023**

## Alison Vella

## v

## Glenn Borg

1. Alison Borg qalet hekk fil-kawża li ressqet:

"1. Illi r-rikorrenti Alison Vella kienet f'relazzjoni extra-maritali mal-konvenut Glenn Borg u li minn din ir-relazzjoni kellhom tifla wahda;

2. Illi minghajr raguni jew spjegazzjoni valida, l-istess konvenut Glenn Borg abbanduna l-istess relazzjoni minn mar-rikorrenti tant illi f'dawn l-ahhar gimghat ma kien hemm ebda tip ta' kuntatt bejniethom,u ghaldaqstant r-rikorrenti tqies illi r-relazzjoni bejniethom intemmet;

3. Illi permezz ta' kuntratt ta' donazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Sharon Faith Farrugia datat ghaxra ta' Mejju tas-sena elfejn tlieta u ghoxrin (10/05/2023) ir-rikorrenti taght b'donazzjoni monetarja s-somma ta' tnejn u ghoxrin elf ewro (€22,000.00c) lill-istess konvenut Glenn Borg (Att ta' Donazzjoni anness u mmarkat 'Dok A');

4. Illi r-raguni ghaliex kellha ssir din id-donazzjoni kien minhabba l-fatt illi l-konvenut xtaq jidhol f'konvenju ma terzi biex setgha jakkwista proprjeta gewwa Marsaxlokk izda ma kienx f'posizzjoni finanzjarju sabiex jpoggi d-debita depozitu fuq il-konvenju;

5. Illi ghalhekk bir-rieda tajba taghha, r-rikorrenti kienet disposta li tghin u tassisti lil konvenut finanzjarjament billi taghtu dawn il-flus specifikament biss sabiex il-konvenut seta jista' jidhol f'dak il-konvenju mat-terzi ghall-eventwali xiri tal-proprjeta;

6. Illi barra li r-rikorrenti kienet ghaddiet l-ammont ta' tnejn u ghoxrin elf ewro (€22,000c) ghal dik il-kondizzjoni specifika hi kienet ukoll hallset is-somma ta' elfejn u mitejn ewro (€2,200.00c) u dana sabiex jigu koperti wkoll l-spejjez taxxabbli fuq il-konvenju li kien dahal fiha l-konvenut;

7. Illi ghalhekk it-total ta' flus mghoddi lill-konvenut huwa fis-somma ta' erba' u ghoxrin elf u mitejn ewro (€24,200.00c);

8. Illi jigi rilevat illi dawn il-flus inizjalment gew mghoddijja direttament lin-Nutar Dottor Sharon Faith Farrugia mill-kont tar-rikorrenti permezz ta' *cheques* (annessi u mmarkati bhal Dok 'B') sabiex jinzammu u jintuzaw ghal-eventwali att finali ta' bejgh;

9. Illi wara dawn l-ahhar gimghat ir-rikorrenti skopriet illi dan il-konvenju skada minghajr ma gie estiz u b'hekk il-kondizzjoni ghal-uzu ta' dik is-somma flus li gie assenjat lill-konvenut m'ghadx baqghet in sehh u ghaldaqstant l-kondizzjoni indikata fuq il-kuntratt ta' donazzjoni ma gewx imwettqin mill-istess konvenut;

10. Illi dawn il-flus issa gew f'idejn il-konvenut minghajr ma wettaq dawk il-kondizzjonijiet pattwiti bejn il-partijiet, u flok il-konvenut irrifonda l-istess ammont, minhabba li dawk il-flus issa ma ghadx ghandhom il-kondizzjoni specifika marbuta maghhom, iddecieda illi jzommhom ghalih personalment;

11. Illi ghalkemm gie interpellat sabiex jirrifondi l-istess ammont intiz ghal kondizzjoni specifika, il-konvenut baqgha inadempjenti u sallum ghadu ma rrifondiex il-flus lura lir-rikorrenti;

12. Illi ghalhekk minhabba l-premessi fuq imsemmija kellha ssir dina il-kawza;

13. Illi kontestwalment ma dan ir-rikors guramentat, ir-rikorrenti qeghda wkoll tintavola mandat ta' sekwestru kawtelatorju sabiex tkun tista tissalvagwardja l-interessi u drittijiet taghha."

14. Għal dawn ir-raġunijiet, Alison Vella ressqet dawn it-talbiet:

"1. Tiddikjara illi l-kuntratt ta' donazzjoni fl-ghaxra ta' Mejju tas-sena elfejn tlieta u ghoxrin (10/05/2023) bejn ir-rikorrenti u l-konvenut ghandhu jigi rexiss u jitqies bhala null u minghajr effett u dana ghar-ragunijiet fuq imsemmija stante illi l-konvenut b'mod abbuziv zamm is-somma ta' erba u ghoxrin elf u mitejn ewro (€24,200.00c) minghajr ma wettaq il-kondizzjoni specifiku fl-istess kuntratt.

2. Tahtar Nutar Pubbliku u tordna li jsir kwalunkwe att necessarju sabiex effettivament isir id-debita rexissjoni mitluba u taghti gurnata, lok u hin fejn ghandu jigi pubblikat dan il-att u tahtar kuraturi deputati bl-iskop li jidher flok il-konvenut jekk jonqos milli jidher kif ordnat.

3. Tordna l-konvenut Glenn Borg jirrifondi lura lir-rikorrenti s-somma ta' erba' u ghoxrin elf u mitejn ewro (€24,200.00c) fi zmien xieraq u opportun.

Bl-ispejjez kollha inkluz dak tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni."

4. Permezz ta’ nota mressqa waqt is-smigħ tat-28 ta’ Ġunju 2024, Glenn Borg ammetta t-talbiet kif redatti.

Għalhekk, il-qorti:

1. Tiddikjara illi l-kuntratt ta’ donazzjoni tal-għaxra (10) ta’ Mejju tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023) bejn ir-rikorrenti u l-konvenut għandu jigi rexiss u jitqies bħala null u minghajr effett u dana ghar-ragunijiet fuq imsemmija billi l-konvenut b’mod abbużiv żamm is-somma ta’ erba u għoxrin elf u mitejn ewro (€24,200.00c) mingħajr ma wettaq il-kondizzjoni speċifika fl-istess kuntratt.

2. Tahtar lin-Nutar Pubbliku John Cachia Zammit biex jippublika kwalunkwe att necessarju sabiex effettivament isir id-debita rexissjoni mitluba u tordna li dan għandu jsir fl-10 ta’ Lulju 2024 fl-10.30am fl-uffiċju tal-istess nutar u taħtar lil kuratur deputat li jmiss minn fuq il-lista bl-iskop li jidher flok il-konvenut jekk jonqos milli jidher kif ordnat. Ir-Reġistratur hu mitlub li jinnomina lil-kuratur, li jinħatar mill-qorti b’digriet separat f’każ ta’ ħtieġa.

3. Tordna lill-konvenut Glenn Borg jirrifondi lura lir-rikorrenti s-somma ta’ erba’ u għoxrin elf u mitejn ewro (€24,200.00c) fi żmien sitt xhur mil-lum, soġġett dejjem għal kwalunkwe estensjoni li r-rikorrenti jogħġobha tagħtih fid-dawl tas-sitwazzjoni li jinstab fiha.

Bl-ispejjeż kollha inklużi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju kontra l-konvenut.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur